MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 209/2005

Il-Pulizija
(Sp Martin Sammut)
vs
Dennis Baldacchino, iben Vince,
imwieled Pieta' fl-10 ta'
frar, 1986
u
Peter Rizzo, iben Vincent,
imwieled Pieta' fid-9 ta'
diċembru, 1986

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli fis-6 ta' marzu, 2005 għal ħabta tal-5.15 p.m., bil-ħsieb li jagħmlu delitt, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw

bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi ittantaw jikkomettu serq ta’ diversi oġġetti minn ġewwa l-fond numru 1, Triq Sant’ Anġlu, San Ġiljan għad-dannu ta’ Alec Mizzi, liema serq kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-persuna, bil-lok u bil-valur liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tagħhom;
2. talli bil-ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamlu vjolazzjoni oħra, kontra l-proprjeta’ ta’ ħaddieħor.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ marzu, 2005 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati ta’ l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Rat
l-artikoli 41, 261(b)(ċ)(d)(e), 263, 267, 268, 269(g), 270 u 278(1)(2)(3). Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------